MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2849/2002

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**International Cargo Consultant Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Novembru, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm551.33) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta konvenuta lis-socjeta attrici u dana skond Client Contract number 4173 in rigward ghal servizzi rezi lilha mis-socjeta attrici u dana bejn ix-xhur ta' Dicembru 2001 u Gunju 2002.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru 2002 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex s-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment s-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-30 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u hamsin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm551.33), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------